meta jkun hemm il-biża' u periklu ta' ħlas ħażin; u ma għandu qatt jiġi permess li ċ-ċavetta tintmess ma' żaqq il-mara b'mod mhux xieraq għax jekk isir hekk, minbarra li wieħed ikun qed jagħmel ħaġa mhix xierqa, ikun qed jonqos ukoll mill-qima; lanqas ma għandha tiġi fdata iċ-ċavetta lil min ġie ġie, jew li jgħaddiha minn idejn ta' mara għal dawk ta' oħra, iżda ma' xi mara devota, f'xi kaxxa żgħira, jew imgeżwra f'karta, u tinżamm b'devozzjoni u qima bħal relikwja; u titqiegħed mal-pazjenta b'devozzjoni, fidi u tama f'post xieraq ta' ġisimha, bil-kaxxa jew karta li tkun fiha; jew jekk ikun hemm bżonn, f'każ ta' xi periklu, tiddendel b'devozzjoni fuq sidirha. Dan hu x'naħseb jien u li inti tista' tgħidu lill-Kappillan biex jissodisfa il-kurżita' li għandu."

Dan it-tagħrif ħadtu mill-manuskritt numru 371 li hemm il-Bibljoteka, il-Belt, fol.434. Il-manuskritt, li inkiteb fl-1850, jiġbor fil-qosor kull ma hemm fl-ewwel seba' volumi tal-*Memorie Diverse* li kien kiteb jew ikkopja Dun Lorenzo Lanzon, Prepostu ta' l-Oratorju tal-Patrijiet Filippini tal-Birgu, bejn is-sekli 18 u 19, u li huma merfugħa fl-Arkivju tal-Kolleġġjata tal-Birgu. Jien għalhekk tlabt lill-Arċipriet, il-Kan. Dun Daniel Farruġia, biex jekk jogħġbu jagħtini kopja ta' dan in-notament, u dan ġentilment bagħtli fotokopja tiegħu. Għaldaqstant ma rridx nonqos li niżżihajr.

Inżid ukoll li fil-bidu tas-Seba' Volum ta' dawn in-*notizie* naqraw li dawn huma ittri ta' mistoqsija lil Dun Domenico Falzon, Surmast taċ-Ċerimonji tal-Knisja Katidrali, u tweġibiet mogħtija minnu dwar diversi dubbji u ċerimonji, li huma miżmuma fl-Arkivju tal-Katidral.

---

**Dr. V. M. PELLEGRINI LL.D.**

B'dispjaċir ngħidu li waqt li "L-Imnara" kienet qed tiġi stampata ixxandret l-aħbar ħażina tal-mewt ta' Dr. V.M.Pellegrini fl-1 t'Ottubru 1997 fl-eta ta' 86 sena. Kien wieħed mill-Presidenti Onorarji tal-Għaqda Tal-Folklor u ġie li kiteb ukoll f'"L-Imnara". Qed niktbu din in-nota qasira, iżda jkollna okkażjoni niktbu dwaru aktar fit-tul f'ħarġa oħra. Nitolbu għal ruħu u nwasslu l-kondoljanzi tagħna lill- familjari tiegħu.
R.I.P.